MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 6/2008

**Louis Camilleri**

**vs**

**Arrow Express Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Gunju, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-8 ta' Gunju 2007.

2. Rapprezentanza

2.1 *Arrow Express Limited,* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Nicholas Zammit assistit mill-Avukat Andrew Zammit.

2.2 Louis Camilleri, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat mill-Avukat David Camilleri.

3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Il-kumpanija intimata *Arrow Express Limited* taghmel xoghol tal-logistika u servizz ta' posta relatata ma' kunsinnar ta' dokumenti u merkanzija. Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata nhar l-01.03.06 fuq kuntratt *whole time* ghal zmien indefinit fil-kariga ta' *Operations Clerk.* Il-kumpanija intimata allegat li diversi drabi, waqt l-impjieg tieghu, ir-rikorrent m'obdiex l-ordnijiet tas-Superjuri tieghu, sfida lill-klijenti tal-kumpanija intimata, u f'okkazjoni minnhom kellem lis-*Sales Manager* aggressivament bil-fomm. F'Gunju 2006, wara li s-*Sal*es *Manager* ikkorregieh fuq xi xoghol li kien ghamel, huwa abbanduna x-xoghol u rrapporta ghand il-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig fejn gharrafhom bil-problemi li kellu mal-kumpanija intimata. Wara kuntatt li sar mal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig, ir-rikorrent kompla fl-impjieg. Nhar il-15.02.07, ir-rikorrent irrifjuta li jaghmel dak li talbu klijent, biex jibdel fattura ta' kunsinna li kienet waslet biex tintbaghat bis-servizz tal-courier fl-istess jum. Id-diskursata fuq it-telefon mal-klijent kienet storbjuza. Dan kollu gara fl-Ufficcju fil-vicinanza fejn kien hemm laqgha ghaddejja ma' zewg rapprezentanti ta' klijent iehor. Il-kumpanija intimata sostniet li l-agir tar-rikorrent versus il-klijent li kien qieghed ikellmu fuq it-telefon seta' kien ta' hsara u serva ta' ezempju hazin ta' mgiba ta' impjegati tal-kumpanija intimata versus klijent, u seta' jtellifha l-klijentela kemm tal-klijent li ghamel it-talba lir-rikorrent fuq it-telefon, kif ukoll tal-klijent li kellu r-rapprezentanti tieghu

f’laqgha fil-hin ta' l-incident. Il-klijent li talab il-korrezzjoni tal-fattura rrapporta l-kaz lid-Direttur Manigerjali. Meta dan ta' l-ahhar tkellem mar-rikorrent biex jitolbu l-verzjoni tieghu, ir-rikorrent talab in-numru tat-telefon tal-klijent biex jitkellem hu mal-klijent. Id-Direttur Manigerjali rrifjuta li jaghtih in-numru u ordnalu biex ma jitkellimx mal-klijent dwar is-suggett u jhalli r-relazzjonijiet mal-klijenti f’idejn il-kumpanija. Ir-rikorrent kompla jinsisti biex jinghata n-numru u zied jghid li hu kien jiffrekwenta post tal-kafe fejn imur ic-Chairman tal-kumpanija li talbet il-korrezzjoni tal-fattura u kien fi hsiebu jkellmu xorta wahda meta jarah. Meta ra hekk id-Direttur Manigerjali tal-kumpanija intimata gharrfu li kien ser itemmlu l-impjieg, u hekk ghamel.

4. Lista tax-xhieda

4.1 Joseph Zammit u Nicholas Zammit xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Robert Spiteri u Quentin Zahra xehdu ghar-rikorrent.

4.3 Louis Camilleri kien xhud komuni.

5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet

5.1.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz li kienet tinkludi zewg dokumenti mmarkati AE01 u AE02
5.1.2 kopja ta' ittra datata 19.02.07 mibghuta lir-rikorrent li kienet tinkludi spjega dwar il-hlas tas-salarju ghax-xahar ta' Frar 2007
5.1.3 kopja tad-dokument tas-Sigurta` Socjali u cekk ghal Lm334.67 datat 19.20.07
5.1.4 kopja ta' *shipping document* datat 14.02.07 ta' *GBY International Limited* immarkat Dok. GBY1

5.1.5 kopja ta' fattura datata 14.02.07 ta' *GBY International Limited* immarkar Dok. GBY2

5.2 Ir-rikorrent esebixxa

5.2.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz li kienet tinkludi tliet dokumenti mmarkati LC01, LC02 u LC03

5.2.2 kopja ta' zewg ittri datati 11.09.07 u 02.10.07 li hu rcieva minghand l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol immarkati LC04 u LC05

6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 Louis Camilleri, ir-rikorrent, stqarr li l-esperjenza tieghu ta' xoghol kienet fl-*International Marketing* barra minn Malta u allura kellu esperjenza fil-logistika rigwardanti bejgh u xiri ta' prodotti, tat-trasport taghhom u dak kollu mehtieg mid-Dwana. Ghalkemm ma kellux esperjenza ta' natura klerikali ma' servizz ta' courier, kien hadem ma' kumpanija b'servizz identiku. Ix-xhud ikkonferma li fin-nuqqas ta' Nicholas Zammit mill-Ufficcju, missieru Joseph Zammit, li kien ukoll is-*Sales Manager,* kien jissostitwixxih. Ix-xhud kompla jghid li meta telaq mill-kumpanija f’Gunju 2006, kien ghamel hekk minn jeddu ghaliex id-Direttur Manigerjali kien jghidlu biex jinjora l-allegata falsifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-piz tal-kunsinni li kienu jaghmlu xi klijenti. Minhabba li xi drabi l-kunsinni ma kinux jintiznu mill-Air Malta hu ma riedx ikun involut f’qerq. Qabel ma rega' lura fl-impjieg, kien tkellem ma' Nicholas Zammit u qallu li ma riedx ikun komplici f’falsifikazzjoni ta' dokumenti. Fi Frar 2007, cempel klijent u t-telefonata wegibha Michael Quattromani, li dak il-hin kien qieghed f’kamra ohra ma' zewg rapprezentanti ta' klijent iehor. Meta l-klijent li kien fuq it-telefon qal lil Michael Quattromani x'ried, dan ghadda t-telefonata lilu. Ir-rikorrent tkellem mal-klijent u qallu li minhabba li hu ma kienx lest jaghmel tibdil fil-fattura, jekk xtaq jibdel il-fattura kull ma ried jaghmel kien li jibghat fattura ohra

mibdula bil-*facsimile* biex tmur mal-kunsinna. Wara ftit hin Michael Quattromani tah dokument li hu ma fethux, izda kien mgharraf li kienet il-fattura mibdula. Ix-xhud ikkonferma li ma kienx jaf jekk hux Michael Quattromani jew il-klijent li bidel il-fattura, izda hu hemizha ma' l-Air Waybill u baghat il-kunsinna. L-ghada meta dahal ghax-xoghol Nicholas Zammit ghajjatlu flimkien ma' Michael Quattromani fl-Ufficcju u talabhom jgharrfuh x'kien gara l-jum ta' qabel, u t-tnejn tawh l-istess verzjoni ta' l-incident. Wara li hu kkonferma li la kien ghajjat u lanqas ma kien tpastas mal-klijent fuq it-telefon, Nicholas Zammit ma kienx canfru ghaliex irrifjuta li jibdel il-fattura. Dak il-hin stess ir-rikorrent qal li Nicholas Zammit ried jibdillu l-hinijiet tax-xoghol, fis-sens li riedu jibda aktar tard biex jispicca aktar tard, u b'hekk jiffranka jhallsu bis-sahra, u rrifjuta t-talba tieghu biex izidu fil-paga minkejja li hu kellu anqas paga minn ohrajn li dahlu fl-impjieg warajh. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li ma kienx jaf ghaliex tkecca mill-impjieg.

6.2 Joseph Zammit, impjegat fil-kariga ta' *Sales Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li hu missier Nicholas Zammit is-sid u d-Direttur Manigerjali tal-kumpanija intimata, u fl-assenza ta' ibnu mill-Ufficcju jissostitwixxih. Meta r-rikorrent beda fl-impjieg ma kellux esperjenza fix-xoghol ta' *Operations Clerk u* ghalhekk tpogga ma' Marco Montanaro biex jitghallem minn ghandu dak kollu mehtieg. Fl-istess waqt, minbarra x-xoghol ta' *Operations Clerk,* kien mehtieg li jissostitwixxi xi xufier li jkun nieqes ghal kwalsijasi raguni. Madwar xi xahrejn li r-rikorrent beda fl-impjieg hu ordna lir-rikorrent biex jaghmel xi haga differenti minn kif ried jaghmilha bil-konsegwenza li dan tant irrabja li mar ghand il-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig u qalilhom li kien tkecca mill-impjieg, meta ma kienx il-kaz. Fi Frar 2007, meta sehh l-incident in kwistjoni ibnu Nicholas ma kienx fl-Ufficcju u hu kien qieghed jissostitwixxih. Meta rritorna wara l-

ikel kien hemm konfuzjoni fl-Ufficcju u r-rikorrent kien qieghed jitkellem jghajjat ma' xi hadd fuq it-telefon fil-waqt li fil-vicin kien hemm laqgha ghaddejja ma' zewg rapprezentanti ta' klijent iehor. Meta Nicholas Zammit wasal lura l-Ufficcju, irrakkontalu x'kien gara u dan nizel jinvestiga l-kaz. Nicholas Zammit tela' u ghajjat lir-rikorrent fl-Ufficcju biex jitolbu l-verzjoni tieghu dwar dak li kien gara. Ir-rikorrent qal dak li kellu jghid u wara li spicca talab in-numru tat-telefon tac-Chairman tal-kumpanija li kienet involuta fil-kwistjoni biex jghidlu l-verzjoni tieghu. Nicholas Zammit wiegbu biex ma jkellem lil hadd u jhalli l-komunika mal-klijenti dwar is-suggett f'idejh. Ir-rikorrent qal lil Nicholas Zammit li hu kien imur jiehu kafe fl-istess post li kien imur ic-Chairman u kien ser jiehu l-okkazjoni jfittxu u jkellmu. Meta sema' hekk Nicholas Zammit gharrfu li kien ser itemmlu l-impjieg. Ix-xhud ikkonferma li t-temma ta' l-impjieg saret minhabba li r-rikorrent wera li ma kienx lest jobdi dak li kien qieghed jordnalu Nicholas Zammit.

6.3 Nicholas Zammit, impjegat fil-kariga ta' *Managing Director* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent beda fl-impjieg fi Frar jew Marzu 2006, fil-kariga ta' *Operations Clerk,* u li hu biss kellu l-awtorita' li jimpjega u jtemm l-impjieg. Minhabba li meta r-rikorrent beda fl-impjieg kien hemm xufier nieqes, ir-rikorrent accetta li meta jigri hekk hu jkun mehtieg li jissostitwixxi xufiera li jkunu nieqsa biex jingabru u jitqassmu l-kunsinni. Wara li dahal min kien nieqes, ir-rikorrent kien allokat ma' Marco Montanaro biex jitghallem il-proprju xoghol tieghu. Ghall-habta ta' Gunju 2006, missieru Joseph Zammit kien tkellem mar-rikorrent u kkorregieh dwar kif kellu jsir xi xoghol. L-ghada r-rikorrent ma attendiex ghax-xoghol, mar ghand il-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig, u qalilhom li kien tkecca mill-impjieg. Wara komunika li saret bejn il-korporazzjoni u x-xhud, ir-rikorrent rega' lura ghax-xoghol. Dak in-nhar li rega' lura r-rikorrent kien qallu li kieku ma rrangawx kienet ser tkun *"one for*

*the boys".* Kliem li hu hadu bhala theddida. Ix-xhud kompla li kien hemm drabi fejn ir-rikorrent wera pretenzjonijiet zejda meta talab l-ghajnuna minghand agenti barranin u wkoll versus xufiera tal-kumpanija biex iwassluh id-dar meta kellu l-karozza tieghu bil-hsara. Ix-xhud stqarr li dwar dawn il-pretenzjonijiet hu kien kellmu, izda ma hariglux twiddib miktub. Dak in-nhar li nqala' l-ahhar incident ix-xhud ma kienx l-ufficcju u sar jaf kif irritorna. Hu tkellem ma' impjegati li kienu involuti, mar-rapprezentanti ta' klijent li kienu fl-Ufficcju kif ukoll mar-rikorrent. Infondo l-kwistjoni kienet li l-klijent ha zball fil-fattura u ried li din tinbidel qabel ma titlaq il-kunsinna. Ir-rikorrent irrifjuta li jibdel il-fattura ghaliex allega li dan kien frodi. Ix-xhud fiehem lir-rikorrent li kull ma kien mehtieg hu li jitlob lill-klijent biex jibdel il-fattura u jibghatha bil-*facsimile.* Izda minkejja din l-ispjega r-rikorrent talab in-numru tat-telefon tac-Chairman tal-kumpanija biex icempel u jkellmu hu. Ix-xhud widdeb lir-rikorrent biex ma jaghmel xejn minn dan u li komunika ta' din ix-xorti jhalliha f'idejh. Zied jghid li li kien ser ikellem lic-*Chairman* tal-kumpanija, biex jiskuza ruhu mieghu ghal dak li gara bit-tama li jirnexxilu jzommu bhala klijent. Minkejja dan kollu r-rikorrent baqa' jghid li kien ser isib il-mezz kif ikellem lic-Chairman. Meta ra hekk ix-xhud gharraf lir-rikorrent li kien ser itemmlu l-impjieg. Xi granet wara r-rikorrent irritorna fil-kumpanija biex jigbor il-paga u bi kliem baxx qallu li kien kuntent li heles mill-kumpanija intimata, u fl-istess waqt talbu biex jibdel ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg minn tkeccija ghal *redundancy,* u hu rrifjuta. Ir-rikorrent irrifjuta li jiffirma dokument li jorbtu jzomm ghalih taghrif dwar il-proceduri tax-xoghol tal-kumpanija intimata, u ghaldaqstant ic-cekk tal-paga ntbaghatlu d-dar bil-posta flimkien ma' ittra. Ix-xhud temm jghid li wara kien mgharraf minn rapprezentant tal-kumpanija mdahhla fil-kwistjoni li r-rikorrent kien ipprova jaghmel kuntatt mac-*Chairman* taghha, izda ma rnexxilux ikellmu.

6.4 Robert Spiteri, impjegat mal-kumpanija *GBY International,* stqarr li f’xi hin wara li ngabret il-kunsinna mill-kumpanija intimata, intebah li l-fattura GBY1 li kienet maghha kienet zbaljata u zied jghid li mill-ewwel cempel direttament lill-kumpanija intimata fejn talab lill-persuna li tkellem maghha biex jara x'jista’ jsir. Ix-xhud qal li ma jafx ma' min tkellem, izda stqarr li ma kien xejn kuntent bl-attitudni li rcieva mill-kelliem. Wara li ma nqediex cempel lil Quentin Zahra tal-kumpanija *Advanced Shipping* u qallu li kellu problema. Ix-xhud kompla jistqarr li kif kien mitlub jaghmel, bidel il-fattura u d-dokument GBY2 jirrifletti l-fattura mibdula li ntbaghat bil-facsimile biex jilhaq il-kunsinna li kellha tmur dak in-nhar stess bl-ajru. Ix-xhud temm jghid li d-differenza fil-hin li tidher fuq id-dokumenti setghet irrizultat mill-fatt li l-*facsimilie* ma dahlitx mill-ewwel.

6.5 Quentin Zahra, impjegat mal-kumpanija *Advanced Shipping,* li kienet l-agenta tal-kumpanija *GBY International,* qal li meta kien mgharraf minn Robert Spiteri bil-problema kien qieghed barra mill-Ufficcju u ghaldaqstant ma ra ebda wahda miz-zewg fatturi pprezentati, izda seta' jikkonferma li d-dokument GBY2 inhareg mill-kumpanija tieghu kif jindika l-istess footer li jidher isfel f’kull pagna. Ix-xhud zied jghid li meta kellmu Robert Spiteri, dan kien jinstema' dizappuntat ghall-ahhar ghall-mod kif it-talba tieghu biex tinbidel il-fattura kienet rifjutata. Meta sar jaf bil-problema, cempel lil Nicholas Zammit, gharrfu bil-problema li kellu l-klijent tieghu u talbu jirrisolviha. Wara li ghadda ftit tal-hin rega' cempel lil Nicholas Zammit u kien mgharraf li l-problema kienet risolta. Ix-xhud temm jghid li minhabba li kemm Malta kif ukoll l-Ingilterra kienu membri fl-Unjoni Ewropeja, il-fatturi ma kienx ghad kellhom l-istess importanza li kellhom fl-imghoddi.

7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Andrew Zammit f'isem il-kumpanija intimata stqarr li:

- Madwar sitt xhur qabel dan l-ahhar incident, ir-rikorrent kellu inkontru iehor mas-*Sales Manager* Joseph Zammit, ghaliex dan ta' l-ahhar ikkorregieh dwar il-mod kif kien qieghed jaghmel ix-xoghol. Ir-rejazzjoni tar-rikorrent dak in-nhar kienet li telaq hu minghajr ma tkecca.
- Fil-konfront li kellu mal-klijent fuq it-telefon, ir-rikorrent holoq sitwazzjoni skurdata li l-kollega tieghu Michael Quattromani solva skond il-proceduri tal-kumpanija intimata, bil-kalma u minghajr periklu li tinzamm il-klijentela tal-kumpanija *GBY International.*
- Ir-rikorrent inghata l-opportunita' li jispjega x'kien gara u f'ebda stadju ma kien imcanfar ghaliex irrifjuta li jaghmel dak li talbu l-klijent biex jibdel il-fattura zbaljata.
- Ir-rikorrent tkecca ghaliex ma riedx joqghod ghall-ordni li tah id-Direttur Manigerjali biex ma jaghmilx kuntatt dirett hu mal-kumpanija *GBY International.*

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat David Camilleri f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- Dan l-ahhar incident kien l-uniku wiehed li seta' jwassal ghat-temma ta' l-impjieg. Il-pretenzjonijiet li kellu ftit taz-zmien qabel biex jikseb xi affarijiet ghalih minn barra kienu minimi, u rna kienx jisthoqqilhom kunsiderazzjoni mit-Tribunal Industrijali.
- L-istorja li qal ir-rikorrent kienet veritiera, ghaliex Robert Spiteri stess xehed li meta cempel lill-kumpanija intimata, ghamel hekk biex jitlob li tinbidel il-fattura.
- Ir-rikorrent kellu kull ragun jitmashan mal-klijent u dan ghaliex kien qieghed jigi mitlub jaghmel xi haga li r-rikorrent ma kellux awtorita' jaghmel. Ghaldaqstant ir-rifjut tieghu ma jistax jingieb bhala argument kontrieh u zgur ma tistax

titqies raguni tajba u bizzejjed ghat-temma ta' l-impjieg.

• Fl-ahharnett il-hsieb tar-rikorrent biex imur ikellem direttament lic-*Chairman* tal-GBY *International* m'ghandux jitqies li kien sfida lill-awtorita' tad-Direttur Manigerjali.

8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta:

• Minkejja li r-rikorrent ma kellux esperjenza fix-xoghol ta' *Operations Clerk* relatat mas-servizz ta' courier, sa minn kmieni fl-impjieg tieghu ma kienx juri dispozizzjoni li jaccetta korrezzjoni minn min kellu esperjenza aktar minnu u kellu wkoll kariga oghla minn tieghu. Wara zmien qasir ta' madwar sitt xhur biss fl-impjieg, dan in-nuqqas min-naha tar-rikorrent wasslu biex jabbanduna l-impjieg.

• Ir-rikorrent kellu determinazzjoni qawwija li ma jinvolvix lilu nnifsu f'attivitajiet allegatament irregolari, li l-impjegati tal-kumpanija intimata kienu jintalbu jaghmlu minn xi klijenti. Din il-kwalita' ta' determinazzjoni hi dejjem kommendabbli, izda ma tistax tkun raguni tajba biex tibdel il-mod u l-attitudni ta' kif impjegat jagixxi versus il-klijent li jaghmel talbiet bhal dawn.

• Ir-rikorrent ikkonferma li l-Ufficjali tal-kumpanija intimata qatt ma qalulu biex jilqa' talbiet tali minn klijenti. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li meta kellmu Nicholas Zammit wara l-ahhar incident, dan ma canfrux ghaliex ma ghamilx dak li talbu l-klijent. Ix-xhud ikkonferma li Nicholas Zammit qallu biex ma jargumentax rnal-klijenti u wkoll biex meta jigru affarijiet bhal dawn ihalli l-konfront mal-klijenti f'idu.

• Kien biss meta r-rikorrent esprirna d-determinazzjoni tieghu li kien ser jaghmel minn kollox biex jiltaqa' mar-rapprezentanti tal-

kumpanija *GBY International* li Nicholas Zammit iddecieda li jtemm l-impjieg tar-rikorrent.

9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).**”**

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Louis Camilleri bl-aggravji li, koncizament, jammontaw ghal dan. L-allegazzjoni tan-nuqqasijiet tieghu, *qua* impjegat tas-socjeta` intimata, ma kienux ta’ portata tali li jwasslu ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg. Akkoppjat ma’ dan, it-Tribunal lanqas ma pprovda spjegazzjoni ragonevoli ghall-konkluzjoni tieghu illi t-temm ta’ impjieg sar ghal raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi;

*A prima vista* l-assunt ta’ l-appellanti b’dawk l-aggravji jhalli l-impressjoni illi dak li qed jintalab li jsir minn din il-Qorti hu ezercizzju investigattiv tal-fatti tal-kaz u tar-rivalutazzjoni taghhom. Rigwardat minn din l-ottika certament l-appell sottomess ma jkunx jista’ jitqies ammissibbli ghar-raguni li ma jmiss il-“punt ta’ ligi” ghal liema hu moghti d-dritt ta’ l-appell skond l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452. Skond gurisprudenza konkordi dwar ligijiet ohra li jipprovdu ghall-appell fuq punt ta’ ligi biex tali ezercizzju jkun possibbli jrid l-ewwelnett jezisti l-punt ta’ ligi u huwa biss malli l-Qorti taqbel li dan jezisti li allura l-appell fuq dan il-punt isir devoluttiv tal-kwestjonijiet kollha, konsegwenzjali, komprizi dawk tal-fatti. Ara “**Jon White -vs- Joseph Fenech**”, Appell Civili, 30 ta’ Mejju, 1952

"**Paul Gauci -vs- Emmanuele Grech**", Appell Civili, 30 ta' Novembru, 1953;

Premess dan, indagini aktar penetranti tal-qalba ta' l-aggravji tissuggerixxi, fil-fehma tal-Qorti, illi dak li hu intiz mill-appellanti bhala l-mertu centrali tal-kontestazzjoni tieghu tas-sentenza appellata jirrigwarda l-punt illi t-Tribunal naqas milli japprofondixxi, sew legalment kif ukoll fattwalment, il-kuncett tar-"raguni tajba u bizzejjed" prevvist mill-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali ghal skop ta' licenzjament;

Jidher li kemm id-dottrina kif ukoll il-gurisprudenza jirritjenu illi l-imsemmi kuncett ghal fini tat-temm ta' impjieg ghandu jkun ravvizat f'dawk il-fatti u f'dik il-kondotta li jgibu nuqqas ta' fiducja minn min ihaddem fl-impjegat. Taht dan il-profil ir-"raguni tajba u bizzejjed" tinnecessita li l-fatt jew il-kondotta jirrivestu l-karattru tal-gravita'. Hu wkoll ipprecizat minn din l-istess dottrina legali u l-gurisprudenza illi l-valutazzjoni ta' din il-gravita` ma ghandhiex issir b'riferiment ghall-fatti konsiderati fl-astratt izda in referenza ghall-aspetti konkreti, fosthom in-natura tar-rapport, il-posizzjoni tal-partijiet fir-rapport kontrattwali, il-grad ta' affidament, u, mhux l-anqas, il-portata soggettiva tal-fatt innifsu addebitat, u ta' kull aspett iehor korrelatat. Agguntivament ma' dan ghandu jkollu rwol importanti l-principju tal-proporzjonalita` bejn is-sanzjoni estrema tal-licenzjament u l-infrazzjoni addebitata lill-impjegat. Fuq dan il-punt din il-Qorti kif presjeduta kienet ghamlet accenn f'sentenza anterjuri taghha fejn irrilevat illi "l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun f'relazzjoni bejn il-mizura tas-sanzjoni u l-gravita tan-nuqqas, valutata fl-entita soggettiva u oggettiva tieghu". Ara "**Charlot Scerri -vs- ST Microelectronics (Malta) Limited**", 1 ta' Marzu, 2006;

Maghmula din l-introduzzjoni qasira fuq it-tematika, jidher mill-korp tas-sentenza appellata fil-kaz prezenti illi t-Tribunal ippremetta ghal konkluzjoni minnu raggunta

dawn iz-zewg konsiderazzjonijiet ta’ rilevanza kif hawn taht mill-Qorti kkoncepiti:-

(i) Mhix raguni valevoli ta’ kondotta tajba l-attitudni ta’ impjegat versu l-klijent tal-kumpanija li timpjegah anke jekk dan ikun talbu jaghmel xi haga irregolari u l-impjegat ikun irrifjuta;

(ii) L-impjegat ma kellux jinsisti b’determinazzjoni li ried jaghmel minn kollox biex jiltaqa’ mar-rapprezentanti tal-klijent;

M’ghandux ikun disputat illi in linea ta’ principju generali l-impjegat ghandu jevita konfrontazzjoni u argomenti mal-klijenti tal-kumpanija li thaddmu u, ukoll, bhala obbligu fundamentali, li josserva d-direttivi lilu impartiti u li jobdi l-ordnijiet moghtija. Mhux ghall-impjegat li jissindika l-mertu ta’ dawn id-direttivi jew ordnijiet dwar il-mod kif ghandu jikkomporta ruhu jew fil-mod kif ghandu jezegwixxi l-mansjonijiet tieghu. Dan, pero`, dejjem fil-kaz fejn dawk l-istess ordinijiet u direttivi ma jkunux ukoll illeciti jew kontrastanti mal-ligijiet, ghax, allura, f’qaghda bhal din l-ordni jew id-direttiva ma jistghux jitqiesu li huma ispirati mill-principju tal-korrettezza, kif hekk hu dejjem mistenni u desiderabbli li jkun;

Fuq l-ezami taghha tar-rizultanzi istruttorji hi l-fehma ponderata ta’ din il-Qorti illi, fil-fattispeci, ma hix ravvizabbli ipotesi ta’ kondotta hekk negattivament serja fl-appellanti li kienet tiggustifika t-tkeccija ghal dik ir-“raguni tajba u bizzejjed” li jsemmi t-test tal-ligi fl-Artikolu 36 (14) surreferit. Jista’ jkun u, anzi, hu possibbli illi l-appellanti kien sgarbat u wera atteggjament anke forsi aggressiv u illegittimu di fronte ghall-klijent tal-kumpanija appellata izda tali atteggjament kien indott b’rejazzjoni ghar-rikjesta illecita li saritlu razenti l-falsifikazzjoni tal-fattura li fiha hu ma riedx jimmiskja ruhu. Jekk soggettivament l-appellanti ma riedx jinvolvi ruhu f’vicenda bhal din, oggettivament din kienet ukoll ta’ beneficcju ghar-reputazzjoni tal-kumpanija li impjegatu. Sewwa

ghalhekk irritjeni t-Tribunal illi r-rifjut ta’ l-appellanti kienet minn dan il-punto di vista kommendabbli. Ma kienx pero korrett it-Tribunal illi jikkastiga lill-appellanti ghall-attitudni tieghu meta kien rinfaccjat b’talba illecita bhal dik. Dan lanqas il-kumpanija appellata ma ghamlitu, anke jekk irrakkomandatlu biex kwestjonijiet ta’ din in-natura jithallew fid-disposizzjoni taghha biex tikkonfrontahom hi stess;

Kif taraha din il-Qorti, gara f’dan il-kaz illi meta t-Tribunal issofferma fuq dik l-attitudni komportamentali ta’ l-impjegat f’dak l-incident, akkoppjat ma’ dak l-iehor konness fejn l-appellanti insista li ried ikellem lid-dirigenti tal-klijent li ghamillu dik it-talba, huwa rriskja, kif hekk effettivament sehh, li jiddevja mill-konsiderazzjoni tal-gravita ta’ l-addebitu u, allura, tal-gudizzju tal-proporzjonalita`, o meno, tas-sanzjoni estrema tal-licenzjament. Fil-hsieb tal-Qorti, valutati fl-entita oggettiva u soggettiva taghhom iz-zewg addebiti, meqjusa flimkien, ma kienux ta’ portata talment gravi li kellhom jittraducu ruhhom fit-telf ta’ fiducja fih u dak tat-terminazzjoni tal-kuntratt ta’ l-impjieg. Taht il-profil dixxiplinarju, certament, l-insistenza ta’ l-appellanti ghal dik ir-raguni li jispjega lir-rapprezentanti tal-kumpanija terza n-nuqqas tal-kollaborazzjoni minnu ghat-talba tal-“korrezzjoni” tal-fattura ma kienetx krejattiva ta’ ebda pregudizzju gravi ghas-socjeta` appellata. L-element intenzjonali ta’ l-appellanti ma jidherx li kien dan izda dak li jfiehem l-attitudni minnu adottata u, ghaliex le, biex ma jsirulux aktar rikjesti ta’ dik in-natura. Tali atteggjament u tali insistenza ma kellhomx jikkonfiguraw bhala li kienu jammontaw ghal dik il-vjolazzjoni fil-kondotta suxxettibbli li twassal ghal-licenzjament tieghu;

Ikollu jinghad mill-perspettiva tal-konsiderazzjonijiet superjorment maghmula illi t-Tribunal naqas milli jinterpreta kif imiss l-espressjoni tal-ligi tar-raguni tajba u sufficjenti fil-kwadru tal-fatti li kellu quddiemu. Una volta li din il-Qorti sabet li l-motiv tat-tkeccija ma kienx, guridikament u fattwalment, gustifikat ikollha tiddissenti mill-gudizzju tat-Tribunal u tghaddi biex tilqa’ l-ilment lilha

devolut, Naturalment, kif gja ghamlet f'decizjonijiet ohra, ser tibghat l-atti lura lit-Tribuanal biex dan jiddetermina l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti skond it-termini ta' l-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex dan jiffissa l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg minghajr kawza gusta. L-ispejjez tal-prezenti appell jitbatew mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------